MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 165/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni, mill-liema relazzjoni twieled il-minuri fl-14 ta' Jannar 2004:

Illi l-attrici qed iccahhad lill-konvenut milli jara lill-ibnu :

Illi l-minuri qed jghix ma' ommu:

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu permezz ta' kawza u dan ai termini tad-Digriet tal-Qorti Civili-Sezzjoni Familja Numru 415/05 datat 1 ta' April 2005:

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tafda l-kura u l-kustodja kongiunta tal-minuri f'idejn il-partijiet.

2. Tiffissa retta alimentarja ghall-imsemmi minuri .

3. Takkorda lill-attur access ampju u liberu ghall-minuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ll-ittra bonarja datat 20 ta' April 2005 kontra l-konvenuta li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-15 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata b'mod esklussiv f'idejn l-eccipjenti u cioe l-omm. Illi dana fl-ahjar interess ta' l-istess minuri u dana peress illi l-ambjent familjari ta' l-attur huwa wiehed li ma jkunx ta' gid ghall-minuri kif ser jirrizulta ampjament waqt din il-kawza.

2. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa retta alimentari versu il-minuri imhallsa mill-attur liema retta alimentari ma ghandhiex tkun anqas mis-somma ta' (Lm50) hamsin lira fil-gimgha u dana anke in vista ta' l-intorjtu ta' l-istess attur. Illi l-istess retta alimentari ghandu jigi ordnat li jigi dedott awtomatikament mill-paga ta' l-attur.

3. Illi dwar it-tielet talba ta' l-access ghandha tigi michuda fis-sens illi l-access tal-missier versu l-minuri ma ghandux ikun liberu u ampju kif mitlub izda jekk din il-qorti thoss li jkun ghaqli fl-interess tat-tifel li l-missier jara il-minuri, tali access ghandu se mai ikun wiehed taht supervizjoni.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attur.

Rat il-verbali tas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005 meta l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet u dak tat-3 ta' Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled tifel illi llum ghandu sentejn. Bhalissa qed jarah darba fil-gimgha fid-dar tal-konvenuta u qed jitlob il-kura u kustodja tieghu, li tigi ffissata r-retta alimentarja u li jigi akkordat access ampju u liberu.

L-attur xehed fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2006 fejn qal li bhalissa huwa disokkupat u qed jipprova jsib impjieg u li jixtieq jara t-tifel iktar spiss u minghajr ma jkollu jmur fir-residenza tal-konvenuta.

Fir-rigward tal-ewwel talba ma hemmx lok li tigi varjata l-kura u kustodja tal-minuri u ma tressqitx prova illi tindika li ghandu jkun hemm xi bdil f'dan l-aspett.

Fir-rigward tal-manteniment ghalkemm bhalissa huwa vigenti

digriet ta’ din il-Qorti, dan inghata meta l-attur kien impjegat u issa u ezattament minn Awwissu 2005 huwa disokuppat. Il-Qorti ghalhekk ser tvarja l-ammont billi tirreducih ghal ammont nominali li pero’ ghandu jizdied meta huwa jkun impjegat.

Fir-rigward tal-access, il-Qorti thoss li minhabba l-eta’ zghira tat-tifel ghandha thalli kollox kif inhuwa bhalissa u cioe’ kif gie degretat fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2005, izda meta t-tifel jaghlaq tlett snin l-attur ikun jista’ jiehu t-tifel mieghu.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti;**

**1. Tichad l-ewwel talba;**

**2. Tordna lill-attur ihallas manteniment ghall minuri ta’ hames Liri Maltin (Lm5) fil-gimgha lill-konvenuta, *rebus sic standibus* ;**

**3. Tordna li fir-rigward tal-access ghandu jibqa’ vigenti d-digriet tas-7 ta’ Ottubru, 2005, sakemm il-minuri jaghlaq tlett snin u cioe’ fl-14 ta’ Jannar, 2007, minn meta l-access jibda jsir nhar ta’ Erbgha bejn il-5.00pm u 7.00pm u nhar ta’ Sibt bejn l-10.00am u s-2.00 pm u hemmhekk l-attur jiehu l-minuri mieghu.**

**L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------